PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali*

**2009/2232(INI)**

26.2.2010

# ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar it-trasparenza fil-politika reġjonali u l-iffinanzjar tagħha (2009/2232(INI))

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

Rapporteur: Michail Tremopoulos

PR_INI

**WERREJ**

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ..............................3

NOTA SPJEGATTIVA ..........................................................................................................8

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar it-trasparenza fil-politika reġjonali u l-iffinanzjar tiegħu**
**(2009/2232(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 174-178 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006,li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni[1],

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali[2],

– wara li kkunsidra r-regolament tal-Kunsill (KE) Nru 284/2009 tas-7 ta' April 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1083/2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni, rigward ċerti dispożizzjonijiet relatati mal-ġestjoni finanzjarja[3],

– wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 397/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali fir-rigward tal-eliġibbiltà ta' investimenti fl-effiċjenza fl-enerġija u fl-enerġija rinovabbli fid-djar[4],

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' April 2008 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2006, Taqsima III – Kummissjoni[5],

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima III – Kummissjoni[6],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Frar 2008 dwar it-trasparenza fil-kwistjonijiet finanzjarji[7],

---

[1] *ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25.*
[2] *ĠU L 371, 27.12.2006, p. 1.*
[3] *ĠU L 94, 8.4.2009, p. 10.*
[4] *ĠU L 126, 21.5.2009, p. 3.*
[5] *ĠU L 88, 31.3.2009, p. 23.*
[6] *ĠU L 255, 26.9.2009, p. 24.*
[7] ĠU C 184 E, 6.8.2009, p. 1.

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Ottubru 2008 dwar il-governanza u s-sħubija fuq livelli nazzjonali u reġjonali u bażi għal proġetti fl-isfera tal-politika reġjonali[1],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-24 ta' Marzu 2009 dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Fondi Strutturali 2007-2013: ir-riżultati tan-negozjati dwar l-istrateġiji tal-koeżjoni nazzjonali u l-programmi operattivi[2],

– wara li kkunsidra l-istudju ppublikat mill-Parlament Ewropw bl-isem 'L-Inizjattiva għat-Trasparenza tad-Dejta u l-Impatt tagħha fuq il-Politika ta' Koeżjoni',

– wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni tat-3 ta' Mejju 2006 dwar l-Inizjattiva Ewropea favur it-Trasparenza (COM(2006)0194),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-21 ta' Diċembru 2009 bl-isem 'L-20 rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-fondi strutturali (2008)' (COM(2009)0617/2),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A7-0000/2010),

A. billi l-inizjattiva Ewropea Favur it-Trasparenza (ETI) ġiet adottata mill-Kummissjoni fl-2005, segwita mill-pubblikazzjoni tal-Green Paper fl-2006 bil-għan li tiġi mtejba t-trasparenza, il-ftuħ, il-kontabilità tal-governanza tal-UE, u billi l-għoti ta' informazzjoni pubblika dwar ir-riċevituri tal-Fondi tal-UE hija element fundamentali tal-ETI,

B. billi, skont is-sistema ta' ġestjoni konġunta, l-informazzjoni dwar il-benefiċjarji tal-fondi tal-UE hija ġestita fil-livell tal-Istat Membru, u li fl-assenza ta' obbligu speċifiku tal-UE jew 'steer' b'saħħtu mill-Kummissjoni, il-livell ta' pubblikazzjoni ta' din l-informazzjoni jvarja minn Stat Membru għall-ieħor, li jagħmel diffiċli l-paragun bejn l-Istati Membri,

C. billi ebda rabta ma ġiet stabbilita bejn l-ETI u l-kwistjonijiet li huma aktar regolati u li jorbtu fil-kontrolli finanzjarji u l-verifika,

D. billi l-ETI għandha jkollha effett sinifikanti f'termini li jiggarantixxu sħubija fil-fażijiet 'l fuq u 'l isfel taċ-ċiklu tal-programmazzjoni ta' koeżjoni, u billi, madankollu, ir-regolamenti ma jispeċifikawx f'liema miżura l-imsieħba għandhom ikunu assoċjati għad-diversi proċessi ta' programmazzjoni u ma jispeċifikax l-arranġamenti involuti għal dan it-tip ta' involviment,

E. billi mhemmx biżżejjed informazzjoni minn qabel dwar id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni rigward l-iffinanzjar tal-progetti l-kbar, li jwassal għan-nuqqas ta' trasparenza, u billi għandha tinstab soluzzjoni,

1. Iqis li t-trasparenza fir-rigward tal-politika ta' koeżjoni u ċ-ċiklu tal-ipprogrammar tagħha, l-allokkazzjoni tal-infiq u l-aċċess tal-informazzjoni għall-benefiċċjarji potenzjali tal-Fondi Strutturali huma prerekwiżiti ewlenin sabiex jintlaħqu l-objettivi b'mod ġenerali tal-

[1] *Testi adottati, P6_TA(2008)0492*
[2] *Testi adottati, P6_TA(2009)0165.*

politika ta' koeżjoni, u li t-trasparenza għandha għaldaqstant tiġi introdotta bħala prinċipju ta' gwida transsettorjali fil-proċess tal-programmazzjoni ta' koeżjoni;

*L-iżvelar tad-data dwar il-benefiċjarji tal-fondi ta' koeżjoni*

2. Jinnota b'sodisfazzjoni li, b'konformità mal-ħtiġijiet tal-ETI, il-mappep interattivi li jipprovdu rabta mal-listi tal-ERDF u l-benefiċjarji tal-Fond ta' Koeżjoni disponibbli fis-siti elettroniċi nazzjonali jew reġjonali rispettivi jiġu ppublikati fuq is-sit elettroniku tad-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali tal-Kummissjoni;

3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħmlu dawn il-bażi tad-data tal-Istati Membri kompletament kompatibbli u li fihom jista' jsir tiftix, sabiex tiġi ffaċilitata l-ħarsa ġenerali tad-data ppreżentata madwar l-UE, filwaqt li tiġi ppreservata r-relevanza lokali tagħhom; hu tal-opinjoni li, f'dan ir-rigward, il-verżjonijiet b'żewġ lingwi (il-lingwa(i) lokali-Ingliż) għandhom jiġu kkunsidrati;

4. Jenfasizza li l-utilità tad-data mogħtija dwar il-benefiċjarji għandha tiġi mtejba f'termini tal-kontenut u tal-preżentazzjoni; jistieden, għaldaqstant lill-Kummissjoni biex tidentifika format aktar iddettaljat u preskrittiv li jispeċifika l-istruttura, il-forma u l-kontenut tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta;

5. Jitlob għal tagħrif essenzjali addizzjonali biex tiġi pprovduta meta jiġu ppublikati l-listi tal-benefiċjarji; jirrakomanda, għaldaqstant, li apparti l-ħtiġijiet minimi attwali, għandha tingħata konsiderazzjoni għall-inklużjoni tal-lok u d-dettallji tal-kuntatt komprensiv, sommarji tal-proġetti approvati, it-tipi ta' appoġġ (pereżempju, self, għotijiet, kapital spekulattiv, eċċ.) u d-deskrizzjoni tal-imsieħba tal-proġett (pereżempju l-istatus legali, id-daqs, eċċ) bħala elementi tal-iżvelar tal-benefiċjarji;

6. Jitlob sabiex, il-programmi kollha operattivi taħt l-objettiv tal-'Kooperazzjoni territorjali Ewropea, il-benefiċjarji kollha – u mhux biss il-benefiċjarji ewlenin – jiġu elenkati;

7. Jenfasizza li konformità sħiħa mal-ħtiġijiet tal-ETI jistgħu jiġu assigurati aħjar permezz ta' regolamenti aktar b'saħħithom u sanzjonijiet f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità;

*It-trasparenza u l-ġestjoni kondiviża*

8. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiċċara kif il-prinċipji tal-ETI għandhom jiġu attwati f'termini operattivi fil-livell tal-programmi operattivi u l-pjanijiet tal-komunikazzoni tagħhom;

9. Jenfasizza l-bżonn li jiġu fformultati r-regolamenti u r-regoli ta' implimentazzjoni b'mod li l-proċeduri jkunu trasparenti, jipprovdu aċċess aħjar għall-Fondi Strutturali għall-benefiċjarji potenzjali u jnaqqsu l-piż minn fuq il-parteċipanti; itenni l-opinjoni tiegħu li t-trasparenza u l-proċeduri ċara huma fatturi ta' governanza aħjar, u jilqa' f'dan il-kuntest l-isforzi li saru mill-Kummissjoni biex jippreżenta l-proposti ssimplifikati;

10. Jenfasizza l-importanza ta' informazzjoni preċiża u fil-ħin mogħtija mill-Istati Membri bħala miżura preventiva fil-kuntest tas-sistema ta' kontroll, u għaldaqstant il-bżonn li tiġi stabbilita rabta bejn l-ETI u l-kontrolli finanzjarji u ta' verifika; itenni l-opinjoni tiegħu li

sistema ta' twissija bikrija (EWS) għandha tkopri wkoll il-fondi tal-UE ġestita fi sħubija mal-Istati Membri;

11. Itenni t-talba tiegħu għad-dispożizzjoni ta' informazzjoni rigward l-irkupru u t-twettiq skont l-ETI; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jipprovdu din l-informazzjoni b'mod sħiħ, u lill-Kummissjoni biex tagħmilha disponibbli għall-awtorità baġitarja u l-pubbliku flimkien ma' informazzjoni dwar il-korrezzjoni finanzjarja u l-frodi;

12. Iħeġġeġ lill-awdituri biex ikunu aktar ibsin fuq il-ħtiġijiet ta' komunikazzjoni u informazzjoni, inkluża 'naming and shaming’ u l-użu ta' korrezzjonijiet finanzjarji f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità;

13. Jilqa' l-isforzi li saru mill-Kummissjoni u l-Qorti tal-Awdituri biex jiġu armonizzati l-metidoloġiji ta' verifika;

***It-trasparenza u s-sħubija***

14. Jenfasizza l-fatt li standards minimi ta' konsultazzjoni huma kompetenza tal-ETI, u jilqa' l-fatt li dawn l-istandards ġew promossi u applikati mill-Kummissjoni fir-rigward tal-politika ta' koeżjoni; jistieden, madankollu, lill-Kummissjoni biex jħallu lill-partijiet involuti biex jagħtu rispons dwar il-kwalità tal-proċess tal-konsultazzoni; jistiden lir-reġjuni u lill-Istati Membri biex ikomplu fuq esperjenzi eżistenti tal-UE għall-konsultazzoni mal-partijiet interessati;

15. Itenni l-opinjoni tiegħu li s-sħubija tista' tikkontribwixxi għat-trasparenza, l-effiċjenza u l-leġittimità fil-fażijiet kollha tal-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tista' wkoll iżżid l-impenn għall-outputs tal-programmi kif ukoll għas-sjieda pubbliċi tagħhom; jistieden, għaldaqstant lill-Istati Membri u l-awtoritajiet amministrattivi biex jinvolvu lill-imsieħba aktar mill-qrib fil-fażijiet kollha tal-ipprogrammar tal-koeżjoni u l-implimentazzjoni fi stadju avvanzat u biex jingħatalhom aċċess sħiħ għad-dokumenti tal-proġetti kollha, bil-għan li jsir użu aħjar tal-esperjenza u l-għarfien tagħhom;

16. Jitlob għal aktar gwida mill-Kummissjoni dwar kif il-klawżola tas-sħubija tiġi mwettqa skont il-programmi attwali, u għal-regoli vinkolanti suffiċjenti dwar is-sħubija fit-testi regolatorji ġejjiena;

17. Jitlob għad-dispożizzjoni ta' informazzjoni mmirata aħjar u informazzjoni aktar regolari għall-organizzazzjonijiet imsieħba, u għall-użu aħjar tal-għajnuna teknika biex jappoġġja s-sħubija, inter alia permezz tal-għoti tal-opportunità lill-organizzazzjonijiet imsieħba f'avvenimenti ta' taħriġ organizzat għall-entitajiet ta' tqassim;

***It-titjib fit-trasparenza fir-rigward tal-iffinanzjar ta' proġetti maġġuri tal-UE***

18. Jitlob għall-pubblikazzjonijiet fil-ħin ta' informazzjoni online, inkluż l-aċċess dirett għad-dokumentazzjoni tal-proġett (l-applikazzjoni, l-istudju ta' probbabilità, l-analiżi tal-benefiċċju tal-ispejjeż, l-evalwazzjoni tal-impatt ambjentali, eċċ.) fuq proġetti maġġuri, mill-aktar fis possibbli wara li l-Kummissjoni tirċievi applikazzjoni għall-iffinanzjar mill-Istati Membri u qabel ma tieħu kwalunkwe deċiżjoni dwar l-iffinanzjar; dan is-sit elettroniku tal-Kummissjoni għandu jippermetti s-sottomissjoni tal-kummenti rigward

dawn il-proġetti;

19. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## NOTA SPJEGATTIVA

### INFORMAZZJONI PUBBLIKA DWAR IR-REĊIPJENTI TAL-FONDI TA' KOEŻJONI

L-għoti ta' informazzjoni pubblika dwar dawk li jirċievu l-fondi tal-UE hija ta' importanza kbira għall-Inizjattiva Ewropea għat-Trasparenza (ETI). L-Artikoli 30(3) u 53b §2 d) tar-Regolament Finanzjarju jeħtieġu li l-Istati Membri jipprovdu informazzjoni dwar kif il-fondi tal-UE qed jintnefqu skont il-ġestjoni kondiviża, b'mod partikulari permezz tal-publikazzjoni ex post tal-benefiċjarji. Fir-rigward tal-publikazzjoni tal-benefiċjarji tal-Fondi Strutturali u l-Fondi ta' Koeżjoni, dan l-obbligu huwa aktar speċifikat fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006. L-Artikolu tiegħu 7 (1) (d) jeħtieġ il-pubblikazzjoni ta' tliet kategoriji ta' informazzjoni: a) il-lista ta' benefiċjarji, b) l-ismijiet tal-operazzjonijiet u c) l-ammont ta' fondi pubbliċi allokati għall-operazzjonijiet.

Hemm ħafna differenzi bejn l-Istati Membri u l-Awtoritajiet Amministrattivi fl-interpretazzjoni ta' dawn il-ħtiġijiet minimi tal-ETI. Dawn jirriflettu d-differenzi kemm fil-kapaċitajiet amministrattivi u t-tradizzjonijiet kulturali u amministrattivi u l-attitudnijiet. L-approċċi differenti jew l-interpretazzjonijiet tal-ħtiġijiet minimi tal-ETI huma possibbli permezz tal-qafas legali relattivament ħieles li jinkludu l-obbliġi tal-pubblikazzjoni tad-data dwar il-benefiċjarji. B'mod partikulari, hemm nuqqas ta' ċertezza dwar id-definizzjoni tal-benefiċjarji u l-ammont ta' fondi pubbliċi mħallsa lill-benefiċjarji li għandhom jiġu ppublikati (ammonti marbuta kontra l-ammonti mħallsa effettivament).

Il-Kummissjoni tillimita l-irwol tagħha biex jiġu proposti standards indikattivi komuni għall-pubblikazzjoni u l-għoti tad-data pubbliċi tal-UE, permezz tas-sit elettroniku tad-DG REGIO, b'aċċess għall-indirizzi elettroniċi tal-Istati Membri fejn id-data meħtieġa dwar l-ERDF u l-benefiċjarji tal-Fond ta' Koeżjoni huma ppubblikati. Bil-Fondi msemmija hawn fuq, taħt 'ġestjoni konġunta', dawn ir-rabtiet u l-kontenut tagħhom huma r-responsabilità unika tal-Istati Membri u huma bbażati fuq l-informazzjoni mogħtija mill-Awtoritajiet Amministrattivi. Il-varjabbiltà fil-preżentazzjoni u l-kondizzjoni tal-aċċess għad-data ma jippermettux tqabbil komplet fil-livell tal-UE.

Filwaqt li ebda Stat Membru ma jippubblika anqas mill-ħtiġijiet minimi (minkejja li xi wħud mill-programmi ta' kooperazzjoni territorjali ma jikkonformawx), Stati Membri oħra jgħażżlu li jippublikaw informazzjoni addizzjonali (pereżempju l-objettivi tal-proġetti, il-gruppi ta' mira fil-każ tal-ESF, eċċ.), iżda din mhijiex ħtieġa preskritta fil-qafas legali attwali.

### IT-TRASPARENZA TAT-TFASSIL U T-TWASSIL TAL-PROGRAMM

#### 1) Il-ġestjoni kondiviża

L-Artikolu 69 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1083/2006 jistqarr li "L-Istati Membri u l-awtorità ta' ġestjoni għall-programm operattiv għandhom jipprovdu informazzjoni dwaru jippubbliċizzaw l-operazzjonijiet u l-programmi ko-finanzjati. The information shall be

addressed to European Union citizens and beneficiaries with the aim of highlighting the role of the Community and ensure that assistance from the Funds is transparent".L-informazzjoni għandha tkun indirizzata liċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea u lill-benefiċjarji bil-ħsieb li jiġi enfasizzat ir-rwol tal-Komunità u sabiex jiġi żgurat li l-għajnuna mill-Fonditkun trasparenti".

L-informazzjoni u s-sessjoni ta' pubbliċità tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 1828/2006 jiddefinixxi l-aspetti ddetaljati tal-ħtiġijiet ta' pubbliċità. Il-Programmi Operattivi kollha ko-finanzjati mill-Fondi Strutturali għandhom jiġu koperti minn Pjan ta' Kommunikazzjoni mħejji mill-Awtorità Amministrattiva jew l-Istat Membru u sottomess lill-Kummissjoni għall-kummenti u l-approvazzjoni. Il-Pjan ta' Kommunikazzjoni jiddefinixxi l-promozzjoni ta' attivitajiet għal kull Programm Operattiv u jiddetermina kif il-linji gwida ta' viżibilità tal-UE huma implimentati. Il-preżentazzjoni tar-rekwiżiti minimi tad-data tal-ETI dwar il-pubblikazzjoni tal-benefiċjarji tifforma parti mill-pjan ta' Kommunikazzjoni, minkejja li mhemmx rabta formali bejn l-ETI u l-Pjan ta' Kommunikazzjoni. Fost l-attivitajiet ta' informazzjoni tagħhom, l-awtoritajiet tal-programm huma meħtieġa jinvestu fil-gwida u t-taħriġ tal-benefiċjarji u l-entitajiet involuti fil-programmi ta' implimentazzjoni. Il-Kummissjoni wkoll tipprovdi gwida u taħriġ, iżda biex tħalli impatt din l-informazzjoni għandha tingħata lill-katina ta' benefiċjarji.

Ir-Regolament ta' implimentazzjoni jeħtieġ il-ħolqien ta' netwerk ta' uffiċjali tal-Kommunikazzjoni b'responsabilità nnominata fil-livell tal-Awtortià Amministrattiva. Fuq din il-bażi n-netwerk INFORM ġie stabbilit għall-ERDF. Il-koerenza fil-livell tal-UE hija pprovduta wkoll bi struttura konsultattiva permezz Kumitat ta' Koordinazzjoni għall-Fondi (COCOF) li jorganizza laqgħat diversi drabi matul is-sena. Din il-koerenza ttejjeb l-iskambju ta' informazzjoni bejn id-diversi fondi strutturali u tistimula l-kooperazzjoni nazzjonali permezz tal-promozzjoni tal-appoġġ tal-fondi strutturali tal-UE. Permezz tal-arranġamenti ta' dawn in-netwerks u l-pressjoni tal-pari tagħhom, il-Kummissjoni tadotta approċċ promozzjonali lejn l-ETI milli timponi r-regolament dwar l-Awtoritajiet Amministrattivi, filwaqt li hija responsabbli mill-Istati Membri biex jiggarantixxu li d-data ppubblikata tkun preċiża.

Minkejja li f'sistema ta' kunsinja diċentralizzata t-tixrid ta' informazzjoni huwa element importanti ta' ġestjoni tajba u kontroll u tgħin sabiex tipprevjeni l-problemi li jinqalgħu u sabiex tadotta l-konformità, ebda rabta mhija stabbilita bejn l-inizjattiva tat-trasparenza tad-data u l-kwistjonijiet aktar rregolati u vinkolati tal-kontrolli u l-verifiki finanzjarji.

## 2) IS-SĦUBIJA

L-ETI għandha jkollha effett importanti fuq ir-regoli għal sħubija trasparenti fil-fażijiet 'l fuq u 'l isfel tal-proċess ta' programmar.

Is-sħubija u, b'mod partikulari, l-involviment tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fis-sistema ta' programmar tal-politika ta' koeżjoni tista' sservi firxa ta' funzjonijiet. L-ewwel, tista' ttejjeb ir-rispons tal-programmi, permezz ta' strateġiji allineati mal-bżonnijiet tal-politika u permezz tal-għajnuna għall-implimentazzjoni u t-titjib fil-kondizzjonijiet, li għandhom jiġu kkunsidrati: protezzjoni tal-ambjent, ugwaljanza bejn is-sessi, l-inklużjoni soċjali, il-bżonnijiet tal-persuni fil-bżonn, eċċ. It-tieni, tista' żżid l-effettività tal-programmi billi l-

Awtoritajiet Amministrattivi jitħallew ikollhom aċċess għal tagħrif "ibbażat fuq il-post" li huwa wżat sabiex jiġu mtejba l-miri tal-interventi u konsegwentement jittejjeb l-assorbiment tal-fondi u l-kwalità tal-proġett. U t-tielet, tista' tikkontribwixxi għat-titjib fil-kontabbiltà, sakemm l-imsieħba jaġixxu bħala trasmettaturi u multiplier tal-programm ta' informazzjoni għall-kostitwenti tagħhom (għaldaqstant tiżdied it-trasparenza u l-informazzjoni) u l-awtoritajiet tal-programm jinżammu responsabbli għall-azzjonijiet li jkunu saru u r-riżultati miksuba. Għaldaqstant is-sħubija tikkontribwixxi għat-titjib fis-sentiment tas-sidien pubbliċi ta' proġetti li ġew appoġġjati u l-leġġitimità tal-politika ta' koeżjoni tal-UE.

L-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 jeħtieġ is-sħubija biex tkopri l-varji stadji tal-ippjanar u t-twassil tal-programm: mill-preparazzjoni, għall-implimentazzjoni, l-monitoraġġ u l-valutazzjoni ta' programmi operattivi. Madankollu, lil hinn mill-preambolu għar-Regolament u l-artikolu speċifiku dwar il-prinċipju ta' sħubija, hemm ftit li xejn referenza għall-imsieħba jew is-sħubija fis-sezzjonijiet operattivi tat-testi regolatorji. Ebda istruzzjonijiet preċiżi u formali jew gwida ma ġew ipprovduta mill-Kummissjoni dwar kif il-prinċipju ta' sħubija għandu jiġi applikat fil-prattika. L-interpretazzjoni attwali dwar kif tikkonforma mal-Artikolu 11 hija f'idejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri u għaldaqstant l-implimentazzjoni tal-prinċipju tas-sħubija li jistrieħ fuq tradizzjonijiet u prattiki domestiċi. Ir-rwol tal-Kummissjoni jidher wisq passiv u osservattiv.

Minkejja kunsens mifrux dwar l-importanza tas-sħubija għal suċċess u effettività tal-programmi, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huma aktar involuti fl-istadji tal-ippjanar tal-programmi aktar minn stadji oħra tal-programm ta' ġestjoni.

## IT-TITJIB FIT-TRASPARENZA FIR-RIGWARD TAL-IFFINANZJAR TA' PROĠETTI MAĠĠURI TAL-UE

Skont l-Artikolu 41 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1083/2006, il-Kummissjoni għandha l-awtorità li tapprova jew tiċħad proġetti kbar – jiġifieri operazzjonijiet li jiswew akar minn EUR 25 miljun fis-settur tal-ambjent u EUR 50 miljun f'oqsma oħra - sottomessi mill-Istati Membri.

Pubblikazzjoni online tal-informazzjoni minn proġetti maġġuri għal deċiżjonijiet dwar l-iffinanzjar tagħhom hija prattika komuni fost l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, inklużi l-Bank Ewropew għall-Investiment u l-Bank Dinji. Il-Kummissjoni Ewropea hija eċċezzjoni ta' dispjaċir. Mhemm ebda raġuni għalfejn l-istandards tat-trasparenza tagħhom għandhom ikunu anqas minn dawk tal-EIB. DG REGIO għandu jagħmel webpage b'lista online tal-proġetti maġġuri bbażati fuq l-eżempju tal-webpage tal-EIB. Din il-webpage għandha tippermetti s-sottomissjoni tal-kummenti rigward tali proġetti sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tibbenifika minn varjeta ta' riżorsi ta' informazzjoni fuq il-proġetti sottomessi, li tippermett li tagħmel deċiżjonijiet aħjar u aktar informati.